# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI | SETTEMBRU 1957


## ISMIJIET TAT-TOROQ

*Waħda mill-aqwa ħwejjeġ nazzjonali li għandna f'pajjiżna huma l-ismijiet tat-toroq; dawn jagħtu sura għalihom lin-naħiet ta' fejn jinsabu u jagħżluhom minn imkejjen oħrajn. X'uħud mill-postijiet ta' Malta huma aktar magħrufin minħabba l-ismijiet tat-toroq tagħhom milli minħabba l-kwalitajiet jew rebħiet ta' l-art. Għall-abitanti u għall-ġirien l-ismijiet tat-toroq fejn joqogħdu, huma, biex ngħid hekk, il-ħolqa li żżommhom magħqudin flimkien f'rabta ta' ħbiberija u ta' għajnuna lil xulxin. "Aħna tat-triq il-ġdida", "Aħna tat-Triq San Pawl" tismagħhom dlonk igħidu dawk li joqogħdu f'dawk it-toroq biex ifissru kemm jaqblu bejniethom jew kemm jaqbżu għal xulxin. Din ir-rabta jew annuna tan-nies tat-toroq tnissel fosthom dik il-ġibda għal xulxin u dik il-ħeġġa li bosta drabi jisfgħu ta' pika man-nies ta' toroq oħrajn u sakemm dik il-pika tibqa' lieżma u bil-għaqal ma fiha xejn ħażin, anzi tista' tisfa' ta' ġid għax tħeġġeġ il-ħrara għar-riżq tal-post.*

*Ir-rabta ta' bejn in-nies li jgħixu fl-istess triq hi l-ewwel ġebla tal-pedament li fuqha huma mibnijin ir-rabtiet bejn in-nies tal-irħula jew ibliet, bejn belt u oħra jew raħal u ieħor, bejn il-popolazzjoni kollha ta' pajjiż jew nazzjon, u dawn ir-rabtiet huma l-qofol tas-sentiment patrijottiku.*

*Barra s-siwi soċjali u patrijottiku l-ismijiet tat-toroq għandhom fejda storika. Difatti ħafna mit-toroq huma msemmijin għal nies kbar li għamlu ġieħ lil pajjiż jew għall-grajja li fasslu l-istorja tan-nazjzon. Għal bosta raġunijiet ma jistgħux jitwaqqfu monumenti għal kull bniedem li iddistingwa ruħu fil-pajjiż, imma anqas hu sewwa li nies benefatturi li jixirqilhom kull ġieħ għal ħidma fejjieda tagħhom, għandhom jibqgħu bla tifkira fil-post fejn twieldu, fejn ħadmu jew fejn mietu. Din it-tifkira barra li tiswa bħala sinjal ta' rikonoxximent nazzjonali tgħodd ukoll biex tħeġġeġ iċ-ċittadini ħalli jimxu wara l-passi ta' min għamlilhom ġid jew ġieħ u ħalli japprezzaw u jħossu ruħhom kburin bil-pajżani li għexu qabilhom.*

*Il-Gvernijiet sabu li wieħed mill-aħjar mezzi biex iweġġgħu lin-nies kbar hu li jsemmu toroq għalihom. Ismijiet bħal dawn iqanqlu sentimenti ta' patrijottiżmu u ta' għożża l-aktar meta triq imsemmija għal bniedem kbir tkun marbuta ma' ħajtu jew*

*għamilu. Wieħed iħoss għoġba kbira u tqanqil ta' għożża meta jimxi fi triq li fiha għax jew li minnha għadda eluf ta' drabi, bniedem imsemmi fl-istorja.*

*Pajjiżi ċivilizzati l-lum mhux biss isemmu toroq għannies ċelebri u jiktbu isimhom fuq il-ħitan tal-kantunieri, iżda taħt l-isem tal-persunaġġ iżidu meta twieled, meta miet u x'għamel. Dan iservi biex juri lill-barranin kemm il-pajjiż kellu nies ta' min jiftaħar bihom u biex jagħti lill-pajżani tagħrif fuq dawk li għamlulhom ġieħ.*

*Barra li jisprimu x-xewqa patrijottika u nazzjonali, l-ismijiet tat-toroq huma wkoll xhieda tas-sentiment reliġjuż tal-poplu. Fejn il-fidi hi qawwija, fejn in-nies għandhom qima kbira lejn il-Knisja, issib bosta toroq imsemmijin għal Qaddisin li jinżammu mill-abitanti mhux biss bħala distinzjoni ta' triqthom, iżda bħala protetturi tagħhom.*

*It-toroq mela huma mezz ta' foħrija lil pajjiż u ta' tifikra lin-nies ċelebri tiegħu, barra dan huma wkoll jiswew biex ma jħallux jintesew ġrajjiet, episodji jew ċirkustanzi ta' storja jew ta' ħajja soċjali. Bħalma naraw bosta toroq ħadu isimhom minn ġrajja li baqgħu jisemmew fl-istorja jew minn xi tradizzjonijiet popolari, jew minn xi snajja', jew minn xi drawwiet, jew minn xi laqmijiet, jew minn xi bini, jew minn xi monumenti li twaqqfu, jew tnisslu jew ġraw fl-antik f'dawk it-toroq, jew f'dawk l-inħawi qabel ma nfetħu dawk it-toroq. Dan jiswa wisq għal min jikteb l-istorja politika, soċjali jew ekonomika tal-pajjiż.*

*Minn dan naraw kemm hi ħaġa ta' ħsieb u ta' għaqal l-ismijiet li jingħataw lit-toroq, u kemm wieħed jista' jipprofitta minn dawn l-ismijiet għall-ġid u għall-ġieħ tal-pajjiż u għall-tagħlim tal-kotra wkoll. Għalhekk il-Gvern għamel sewwa ħafna meta ħatar kummissjoni għall-ismijiet tat-toroq. Din il-kummissjoni għandha d-dmir li tistħarreġ biex tagħti ismijiet xierqa u adattati lit-toroq ġodda u b'daqshekk twettaq xogħol ta' ħtieġa u ta' fejda, iżda l-kummissjoni weħedha ma tistax tlaħħaq ma' kollox, għalhekk hi tistieden suġġerimenti u pariri minn kulħadd. Kull ċittadin għandu d-dmir li jagħti l-għajnuna tiegħu fejn jidħlu l-ġieħ jew il-foħrija tan-nazzjon, għalhekk nistieden lill-qarrejja tagħna u lill-pubbliku biex jissieħeb ma' l-attivitajiet tal-kummissjoni għall-ismijiet tat-toroq, billi jibagħtulha suġġerimenti dwar persunaġġ jew ċirkostanzi li jixirqilhom isem ta' triq.*